# Intietef ta' Storja Folkloristika mill-Għasri

*(is-seba' parti)*

*tagħrif miġbur minn Toni Calleja*

## 25: Il-barnuża

Fi żmien tfuliti fl-Għasri, allura fit-tieni nofs tas-snin ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor, ma nafx kif konna nagħmlu biex immorru l-iskola fl-irxiex li ma kenitx il-barnuża (plural = branez). Il-barnuża, jew il-barnuż, kienet tkun xkora tal-ġuta mill-ħafna li kien ikollna d-dar għall-użu agrikolu, imdaħħla qarnuna f'oħra li meta nilbsuha kienet tipproteġilna rasna u daharna milli jixxarrbu. Insomma ... taparsi ma nixxarrbux taf! F'xi jum bl-irxiex konna nfendu bil-barnuż imma f'xita qliel, jew nistennewha tisħa, jew ma mmorru xejn. Infatti fil-*Log Book* tal-Iskola tal-Għasri taħt id-data tas-7 ta' Jannar 1949, is-Surmast kiteb li minħabba x-xita qawwija, l-attendenza ta' filgħodu kienet baxxa ħafna.

Fix-xitwa meta tkun ix-xita ma konniex noqogħdu nistennew il-qanpiena ċċenċel; konna nidħlu malli naslu allavolja ma tantx kien hemm wisa' fejn tistkenn. Kien hemm biss l-intrata b'żewġt ikmamar laterali, 'il waħda sservi ta' uffiċċju għas-surmast u l-oħra klassi li naturalment ma kinux aċċessibbli għalina. Biss wara dawn kien hemm sqifa ta' ħâra waħda, qabel toħroġ għall-bitħa, li ħażin u tajjeb kienet isservina. Fl-intrata kien hemm żewġ braċċji dendiliet, waħda fuq kull naħa tal-bieb tat-triq fejn l-assistenti ssoltu jħallu xi kapott jew ġlekk. Iżda dakinhar tal-irxiex, l-għalliema żgur kien ikollhom ifittxu post ieħor għax il-ganċijiet kollha kienu jintlew braneż tat-tfal.

U trid tarahom! Dak spettaklu ta' braneż: xkejjer tal-faxx aħmar wiesa'; xkejjer tal-faxx ikħal; xkejjer tal-kordella maħduma lokalment bin-newl; ċrienen tal-iskalora; xkejjer bojod tad-dqiq bil-marka tal-*maple leaf* u l-isem *Canada* miktuba kbira fuqhom, u x'naf jien. Ċerti tfal imsieken tassew kellhom il-bogħod biex jaslu l-iskola. Ħu pereżempju dawk ta' Wara ta' Għammar, ta' Taħt il-Fanal, u ta' Tat-Tamar; u xi ngħidu għat-tfal ta' Gerita *tax-Xewki* li kienu joqogħdu f'waħda mill-*barracks* tas-suldati ta' Fuq ta' Ġurdan minħabba li missierhom Ġużepp kien għassies hemm fuq!

Barra milli għall-irxiex, il-barnuża kienet użata wkoll mill-ħaddiema waqt xogħol ta' irfiegħ ta' oġġetti li jfarfru jew li jniddu. Dari, pereżempju t-terrapien kien jitħammel fi qfief mezzani tal-qasab jgħidulhom tal-maskan, u biex it-trabijiet li jitfarfru minn bejn il-qasab u l-virgi ma jibqgħux nieżla f'għonq dak li jkun, kienu jilbsu l-barnuża biex tipproteġihom. L-istess kienu jagħmlu fil-ġarr ta' dawk l-oġġetti li jniddu bħal ngħidu aħna tjun u srew waqt taħmil ta' pedamenti, mezez ta' għeneb waqt il-vindimja, taħmil ta' demel, u trasport bl-ispalla ta' kaxxi tat-tadam jew frott ieħor simili.

Għadni skantat u mnixxef kif ħadd fir-raħal mit-tfal ta' żmieni ma kellu inċirata. Naf li kienu jeżistu u mur ara kemm setgħu kienu jiswew? Il-Gvern lill-ħaddiema tiegħu, almenu lil x'uħud minnhom, kien jipprovdilhom waħda b'xejn. Niftakar li z-zija Kelina Calleja (1895-1977) li kienet infermiera fl-isptarijiet tal-Gvern kellha waħda ħadra tqila daqs iċ-ċomb: tila pjuttost ħoxna mgħoddija bil-qatran u miżbugħa bil-kulur. Ma tantx

kienet tat-tajjeb għax bl-użu, fil-kisra tal-pennaġġi, kienet titfellel u tibda' tagħmel l-ilma. Barra minn hekk, wara ftit iż-żebgħa tibda' tgħosfor u l-qatran jibda jgħallek u jeħel ma' ħwejġek. Barra minn Malta l-*plastic* u l-*p.v.c.* kienu vvintawhom imma l-prodotti tagħhom hawn l-Għasri kien għad fadlilhom biċċa sewwa biex narawhom. F'nofs is-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor ġie mill-Awstralja z-ziju Toni u meta ġie jżur 'l ommu l-ewwel darba ġabilha biċċa ċellulojde – xorta ta' tertuqa trasparenti u ratba, jew plastic, x'inhi, biex jurihielha. Żammha f'idu qisu għandu biċċa ħġieġa u niftakar lin-nanna ripetutament tgħidlu biex ipoġġiha fuq il-mejda għax kien ser ikorri biha. Hu hekk ried u xhin fettillu taparsi żelqitlu minn idu. Meta ma nkisritx, in-nanna tgħidx kemm stagħġbet u ftaħret bil-ħġieġ tal-Awstralja li, Alla jbierek, jaqa' u ma jinkisirx!

Intant, xi umbrella 'l hawn u 'l hemm kien hawn ukoll. Manwel Galea (*il-Wiqq:* 1873-1958) li kien armat bil-ħanut tal-merċa, fil-misraħ ta' quddiem il-knisja l-ġdida kellu waħda li fix-xtiewi sikwit kien jislifha lil xi nies biex imorru r-Rabat biha. Mal-mogħdija taż-żmien l-umbrelel bdew jiżdiedu wkoll. Fi dħul l-istaġun xitwi 1950-51, mara minn Triq il-Fanal irrappurtat lill-Pulizija li kienet tilfet umbrella sewda. Min sabha Alla m'għamlu u naħseb li tgħidx kemm qal għall-erwieħ! Imma mhux kulħadd xorta ... mara oħra minn Triq il-Knisja f'nofs Jannar 1953 sabet umbrella fix-xarabank tal-linja Għasri/Żebbuġ li dlonk ħaditha għand il-Ġustizzja.

Illum, kull meta nara t-tfal tal-Iskola Laura Vicuña tal-Għasri kollha umbrelel iffjuriti u inċirajjet kuluriti, dlonk niftakar fil-barnuża tax-xkora li jien u t-tfal Għasrin l-oħra tal-età tiegħi konna mmorru l-iskola bihom. Daqstant inbidlu ż-żminijiet. Imbagħad forsi ssib min jgħidlek li dari konna aħjar. Ninħaraq ... konna aħjar suffara!




Irġiel bil-barnuża tax-xkora qed inaddfu l-venda tal-Karrozzi tal-Linja tal-Belt Valletta u jġorru fuq spallejhom, fi qfief tal-maskan, ġebel u trabijiet kaġunati minn bombi tal-għadu fl-aħħar gwerra dinjija.



Louis Saliba (Għasri)

L-Irdum ta' Ġurdan (2004)

Dħul l-Għasri (1996)



Joe Grech (Victoria)



Ġeġè Gatt (Malta)

**Wens il-lejl (2007)**

**L-Għasri fl-għabex (2009)**



Jonathan Mintoff (Għasri)